5 ta' Marzu, 1954.

Imħallfin :-
Is-S.T.O. Dr. L.A. Camilleri, LL.D., *President.*
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D., C.B.E.
L-Onor. Dr. W. Harding, B. Litt., LL.D.

**Rosina Baldacchino et. *versus* Giuseppe Baldacchino**

**Eredità — Likwidazzjoni — Qasma — Liċitazzjoni — Amministrazzjoni — Kontijiet — Spejjeż tal-Aħħar Mard — Kommunjoni ta' l-Akkwisti — Art. [illegible], [illegible] u 1304 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Id-dispożizzjoni tal-liġi li tgħid li, biex issir il-qasma materjali tal-beni, hemm bżonn li l-beni jkunu diviżibili komodament u bla diskapitu, għandha tiġi nterpretata u ko-ordinata mad-dispożizzjoni l-oħra li tistabbilixxi li kull wieħed mill-komproprjetarji għandu dritt jieħu s-sehem tiegħu tal-beni in natura. B'mod li r-rimedju tal-liċitazzjoni huwa eċċezzjonali u straordinarju, applikabili meta l-qasma ma tistax issir komodament u bla diskapi-*

*tu, jiġifieri mingħajr preġudizzju tal-kondividenti.*

*Kwantu għall-preġudizzju, dan għandu jiġi eskluż fl-assenza ta' provi konkludenti. Kwantu għall-kwistjoni jekk il-fond jistax jinqasam komodament, jiġifieri mingħajr inkonvenjent gravi għall-kondividenti, għandu jittieħed in konsiderazzjoni l-istat attwali tal-pajjiż. Għax id-disposizzjonijiet tal-liġi m'humiex statiċi, imma għandhom jiġu nterpretati skond il-bżonnijiet u l-emerġenza li fihom il-kommunità tkun qiegħda tgħix ruħha; u għalhekk fi stat ta' emerġenza nazzjonali konsistenti fl-iskarsezza ta' djar, il-kondividenti għandhom raġun jinsistu għad-diviżjoni tal-beni, jekk din hija materjalment u ġuridikament possibbli, u jappoġġjaw ruħhom għar-rimedju tal-liċitazzjoni.*

*Jekk fl-istess att taċ-ċitazzjoni fejn tintalab il-likwidazzjoni u qasma tal-assi ereditarju, issir ukoll domanda għar-rendiment tal-kontijiet ta' l-amministrazzjoni ta' xi beni ereditarji magħmula minn wieħed mill-kondividenti, mingħajr ebda riserva jew ossjoni għal ġudizzju separat, il-Qorti ma tistax tinjora dik it-talba u tirrimettiha għal ġudizzju ieħor; għax il-Qorti tinsab investita regolarment biex tieħu konjizzjoni ta' dik id-domanda u tipprovdi fuqha. U dan anki jekk fl-appell il-parti li tkun għamlet dik it-talba tapprova li din tiġi rimessa għal ġudizzju ieħor, sakemm dik it-talba ma tiġix rinunzjata u tibqa' tissussisti.*

*L-ispejjeż ta' l-aħħar marda tal-konjuġi li miet jaggravaw fuq il-komunjoni ta' l-akkwisti li nħallet bil-mewt tiegħu.*

*Fil-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti, l-oġġetti li jidħlu fiha bħala akkwisti, u li jibqgħu f'idejn xi wieħed mill-kondividenti li baqa' jagħmel użu minnhom, għandu jiġi lilhom attribwit il-valur li kellhom meta nħallet il-komunjoni ta' l-akkwisti; għax id-dritt ta' min kellu f'idejh xi oġġett ta' l-akkwisti biex jiġi rilevat mid-deprezzament li sofra dak l-oġġett fl-intervall bejn is-zoljiment tal-komunjoni u l-likwidazzjoni ta' l-istess komunjoni, jekk ikun il-każ.*

Il-Qorti; — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li biha l-atturi, wara li ppremettew illi fis-17 ta' Awissu 1940 mietet mingħajr ebda testment Angiolina Baldacchino, ġa mart il-konvenut, u ħalliet superstiti lilhom, aħwa Baldacchino, uniċi tfal tagħha u tal-konvenut; illi għalhekk

huma w. rrieta taghha skond l-ligi; u illi huma ma jridux jibqghu aktar fl-istat ta' komunjoni mal-konvenut; talbu illi, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet kollha necessarji u jigu moghtija l-provvedimenti opportuni, (1) jigi likwidat.............. l-assi socjali konjugali ta' l-imsemmijin Giuseppe u Angiolina Baldacchino..............; (2) tigi ordnata d-divizjoni ta' l-istess assi socjali konjugali f'zewg porzjonijiet indaqs..............; (3) tigi ordnata l-likwidazzjoni ta' l-assi ereditarju ta' din Angiolina Baldacchino............; (4) l-istess assi ereditarju ta' Angiolina Baldacchino jigi assenjat lilhom, ahwa Baldacchino, fi kwoti ndaqs bejniethom...........; u (5) jigu nominati nutar...........; (6) u l-konvenut jigi kundannat jirrendilhom kont tal-gestjoni minnu mizmuma tal-azjenda tal-fond nru.10 Sacred Heart Street, Qormi, mill-gurnata tal-mewt tal-imsemmija Angiolina Baldacchino. Bl-ispejjez kontra l-konvenut, li gie ngunt biex jidher ghas-subizzjoni;

*Omissis;*

Rat is-sentenza moghtija minn dik il-Qorti fit-12 ta' Ottubru 1953, li biha (1) gie likwidat l-assi socjali konjugali tal-konvenut ma' Angiolina Baldacchino fil-beni immobili u mobili fuq imsemmija..............; (2) giet ordnata d-divizjoni ta' dan l-assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti hekk likwidat f' zewg porzjonijiet indaqs ta' £716. 8. 0. i-wahda, u giet assenjata wahda minnhom...........; (3) gie likwidat l-assi partikulari ta' l-istess Angiolina Baldacchino...........; (4) giet ordnata l-assenjazzjoni ta 'dan l-assi hekk likwidat liz-zewg attrici...........; (5) giet ordnata l-assenjazzjoni, mis-sustanzi li ghandhom jigu maqsuma bejn il-kontendenti, liz-zewg attrici, ta' l-immobili u mobili deskritti l-fuq fil-valur ta' £855. 6. 0, u lill-konvenut l-immobili u mobili deskritti aktar il-fuq fil-valur ta' £792. 12. 0; (6) gie nominat in-Nutar...........; (7) gie ordnat illi s-sitt talba tingieb il-quddiem miz-zewg attrici, jekk jridhom, b'gudizzju separat. L-ispejjez tal-kawza...........; wara li kkunsidrat;

Illi mill-provi migjuba quddiem il-perit legali jirrizulta illi fis-17 ta' Awissu 1940 mietet minghajr testment Angiolina Baldacchino, imwielda Zammit............ Minn x' tmienja jew

għaxar snin qabel ma żżewweġ lil Angiolina Zammit, il-konvenut kien fin-negozju tal-ħobż, jiġifieri kien ibigħ il-ħobż fit-triq, u fl-okkażjoni ta' dak iż-żwieġ huwa kellu miegħu £60 flus u xi deheb............ Xi tliet snin wara iż-żwieġ il-konvenut xtara......................;

Illi fuq il-provi miġjuba quddiemu, u fit-termini tal-inkarigu li kellu, il-perit legali ssottometta (1) illi d-dar u l-forn ġà msemmijin jiffurmaw parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti, tal-valur ta' £1154. 7. 0, li huma diviżibili f'żewġ porzjonijiet ugwali; waħda l-forn tal-valur ta' £720. 7. 0, soġġett għaċ-ċens annwu perpetwu ta' £1. 5. 3, li huwa assenja lill-konvenut, kif sejjer jingħad, u l-oħra d-dar, tal-valur ta' £425, soġġetta għaċ-ċens annwu perpetwu ta' £1. 2. 6½, li huwa assenja liż-żewġ attriċi.......... (5) Illi fi żmien iż-żwieġ, u sakemm mietet Angiolina Baldacchino, kien hemm xiemel li ġie mibjugħ fl-istess żmien u li kien jiswa £70;........... (7) illi, meta mietet Angiolina Baldacchino, ġew minfuqa £26. 4. 0. għall-funerali tagħha, kif ġa ssemma; (8) illi xi oġġetti u attrezzi ġew akkwistati mill-konvenut, u xi flus ġew imkasbin minnu wara l-mewt ta' Angiolina Baldacchino. Għalkemm dawn il-mobbli u flus ma jidħlux fl-assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti, il-konvenut għandu jagħti rendikont liż-żewġ attriċi ta' dak kollu li huwa baqa' jeżerċita u jinnegozja wara l-mewt ta' l-imsemmija martu;

Illi ż-żewġ attriċi ma għamlu ebda osservazzjoni fuq is-sottomissjonijiet tal-perit legali, u l-konvenut għall-istess sottomissjonijiet għamel biss żewġ osservazzjonijiet, jiġifieri (a) il-pjan tal-qasma tal-fond 10 u 11 Sacred Heart Street, Ħal Qormi, kif sottomess mill-perit legali, m'huwiex prattikabbli, għaliex bih huwa jiġi privat mill-kumditajiet tas-sular superjuri u ma jkollux fejn jabita, u (b) huwa ma għandux jagħti rendikont tal-ġestjoni tan-negozju wara l-mewt ta' martu, u għal-hekk ir-riżerva magħmula mill-perit legali hi mingħajr bażi;

Illi l-osservazzjonijiet tal-konvenut ma jidhrux sostenibbli. Dwar l-ewwel osservazzjoni, jingħad illi l-qasma tal-fond fuq imsemmi tidher magħmula tajjeb. Il-konvenut huwa furnar, u għalhekk mill-fond kollu ġew lilu assenjati l-kmamar fil-pjanterren fejn jista' jabita, kif jidher mill-pjanta tal-Inġinier Ħalel

fil-fol. 222 tal-proċess. Dwar l-osservazzjoni l-oħra, jingħad illi l-kontijiet tal-ġestjoni tal-forn u ta' l-avvjament għandhom jibqgħu riżervati, għaliex huma rapporti ta' wara l-ftuħ tal-wirt, billi dik il-ġestjoni tinteressa tant lill-attriċi kemm lill-konvenut. Wara l-mewt ta' Angiolina Baldacchino setgħu saru introjti li kienu dovuti meta din kienet għadha ħajja, kif ukoll setgħu saru eżiti ta' flus dovuti wkoll fil-perijodu meta kienet għadha ħajja l-mara tal-konvenut;

Illi għalhekk il-konklużjonijiet tal-perit legali, tant fil-likwidazzjoni ta' l-assijiet soċjali u konjugali u dak partikulari tad-decujus, kemm fil-qasma tagħhom, għandhom jiġu adottati, kif sejjer jingħad;

Illi b'dan il-mod, l-assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-konvenut u Angiolina Baldacchino jiġi likwidat kif sejjer jingħad, jiġifieri :—

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut, u rat il-petizzjoni tiegħu, fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi riformata, billi tiġi revokata fejn ordnat il-qasma u l-assenjazzjoni fil-mod fuq imsemmi tal-fond nru. 10/11 Sacred Heart Street, Ħal Qormi, fejn irriżervat għal ġudizzju separat ir-rendikont tan-negozju, fejn ma ħadetx in konsiderazzjoni l-ispejjeż ta' l-aħħar marda tad-decujus, u fejn iddikjarat li l-valur taż-żiemel għandu jkun ta' £70; u għalhekk jiġi dikjarat li l-imsemmi fond ma jistax jiġi maqsum mingħajr diskapitu u komodament, u li r-rendikont u l-likwidazzjoni tal-frutti ta' l-imsemmi forn għandhom jiġu mdaħħla f'dan il-ġudizzju, u li l-assi soċjali u konjugali għandu jiġi addebitat bl-ispejjeż ta' l-aħħar marda fuq imsemmija. u li l-valur taż-żiemel għandu jidher fil-komunjoni ta' l-akkwisti ta' £13, u mhux ta' £70 kif dikjarat mill-Ewwel Qorti; u konsegwentement, salvi dawn il-modifiki, għandha tiġi konfermata fil-kumplament; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenut ħass ruħu aggravat bis-sentenza ta' l-Ewwel Qorti għal dawn il-motivi :— (a) Il-fond nru. 10 u 11 Sacred Heart Street, Qormi, ġiet ordnata l-qasma tiegħu

u l-assenjazzjoni bejn il-kontendenti, mentri l-appellant isostni li dik il-qasma ma tistax issir komodament u minghajr diskapitu; (b) l-Ewwel Qorti rriżervat ghal ġudizzju separat l-aħħar taiba kontenuta fl-att taċ-ċitazzjoni, relativa għarrendikont tan-negozju tal-forn nru. 10 Sacred Heart Street, Qormi, mill-ġurnata tal-mewt ta' Angiolina Baldacchino, ġa mart l-appellant u omm l-appellati; (c) li l-assi soċjali u konjugali likwidat bl-imsemmija sentenza ma ġiex addebitat bi £12 spejjeż ta' l-aħħar marda ta' l-imsemmija decujus Angiolina Baldacchino; u (d) li l-valur taż-żiemel, formanti parti mill-attiv tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejn l-appellanti u martu Angiolina Baldacchino, għandu jkun ta' £13, u mhux ta' £70 kif miġjub fil-likwidazzjoni ta' dak l-attiv;

Ikkunsidrat;

*Illi, kwantu għall-ewwel aggravju*, il-fond nru. 10 u 11 Sacred Heart Street, Qormi, huwa l-uniku stabili li jidħol fil-komunjoni ta' l-akkwisti bejn l-appellant u d-decujus Angiolina Baldacchino, ġa martu. Mir-relazzjoni tal-perit tekniku adoperat mill-Ewwel Qorti rriżulta li dak il-fond jista' jinqasam f'żewġ porzjonijiet; l-ewwel waħda tikkomprendi l-kumditajiet kuluriti bl-aħmar fil-pjanta fil-fol. 296 tal-proċess, jiġifieri entrata, kamra laterali u t-tromba tat-taraġ fil-pjan terren, il-kumditajiet li hemm fl-ewwel sular, u l-arja kollha ħlief dik ta' fuq il-forn u fuq il-qata' maqqfa li hemm warajh; it-tieni porzjoni tikkonsisti fil-kumditajiet kuluriti bl-ikħal fl-imsemmija pjanta, u tikkomprendi l-kumditajiet l-oħra li hemm fil-pjanterren u l-arja ta' fuq il-forn u fuq il-qata' li hemm warajh. L-ewwel porzjoni ġiet mill-imsemmi perit tekniku stmata £425, bħala suġġetta għaċ-ċens perpetwu ta' £1. 2. 8¼; u t-tieni porzjoni ġiet stmata £729. 7. 0, bħala suġġetta għaċ-ċens perpetwu ta' £1. 5. 3 fis-sena;

Ikkunsidrat;

*Illi l-appellant qiegħed jopponi* għal dik il-qasma, suġġerita mill-perit tekniku u adottata mill-Ewwel Qorti, għaliex jippretendi li dik il-qasma ma tistax issir komodament u mingħajr diskapitu, kif rikjest mil-liġi (art. 580 tal-Kodiċi Ċivili). Din id-dispożizzjoni tal-liġi għandha tiġi interpreta-

ta u ko-ordinata mad-dispożizzjoni l-oħra ta' qabel, kontenuta fl-art. 539, fejn jinsab stabbilit li kull wieħed mill-komproprjetarji għandu dritt jieħu s-sehem tiegħu tal-beni "in natura". B'din l-aħħar dispożizzjoni hija stabbilita r-regola fondamentali li biex tispiċċa l-komunjoni għandha ssir id-diviżjoni "in natura"; għaliex meta jkun hemm l-oġġett "in natura" huwa ġust li kull wieħed mill-kondividenti jieħu l-parti tiegħu "in natura". Ir-rimedju tal-liċitazzjoni, previst mill-imsemmi art. 552, huwa eċċezzjonali u straordinarju applikabili meta d-diviżjoni ma tistax issir komodament u bla dìskapitu, jiġifieri mingħajr preġudizzju ta' l-interessi tal-kondividenti. Hemm bżonn, għalhekk, li jiġi eżaminat jekk per mezz tad-diviżjoni "in natura", kif prospettata mill-perit tekniku u adottata mill-Ewwel Qorti, id-diviżjoni tistax issir komodament, jiġifieri mingħajr inkonvenjenti gravi, u mingħajr preġudizzju għall-kondividenti;

Il-Baudry-Lacantinerie (Della Vendita e della Permuta, pag. 788, no. 730), fil-komment tiegħu għad-dispożizzjoni analoga għal dik ta' l-art. 552 tal-Kodiċi Tagħna, jikkonkjudi li "non si deve sostituire la licitazione alla divisione se è possibile fare altrimenti senza scapito per tutti gli interessati"; u ftit qabel igħid (loc. cit.):— "Ma quando la divisione può farsi in natura senza scapito notevole, non si deve accogliere la domanda di licitazione che faccia uno dei comproprietari, se gli altri o alcuni degli altri ad essa resistono, o sono incapaci di aderirvi. Può avvenire che uno dei condomini, più ricco degli altri, vegga in una licitazione il mezzo di comprare a vil prezzo la cosa indivisa che gli altri comunisti non sono in condizione di disputargli; i tribunali debbono vigilare a che un simile abuso non si renda possibile con una licitazione ordinata senza necessità". U jkompli jgħid iżjed 'il quddiem illi "la divisione è possibile altresì, quantunque si sia obbligati, per farla, a stabilire delle servitù a vantaggio di una quota sopra un'altra quota; un semplice incomodo non è di ostacolo alla divisione". Iżda jekk din is-servitù tkun tant gravi li l-godiment ta' waħda mill-kwoti jiġi, minħabba fiha, konsiderevolment imnaqqas, u konsegwentement dik il-kwota tiġi tbati deprezzament impor-

tanti, allura d-diviżjoni ma tistax issir komodament, u jkun hemm lok għall-liċitazzjoni;

Ikkunsidrat;

tax jinqasam komodament, jiġifieri mingħajr inkonvenjenti

Illi fil-każ in eżami ma jidherx li hemm raġunijiet biex, fid-dawl tal-prinċipji fuq enunċjati, jiġi ritenut illi l-qasma tal-fond nru. 10 u 11 Sacred Heart Street, Qormi, kif ordnata bis-sentenza appellata, ma tistax issir komodament jew mingħajr preġudizzju għall-kondividenti. Kwantu għall-preġudizzju ma jirriżultax, u għandu jiġi eskluż fl-assenza ta' provi konkludenti. Kwantu għall-kwistjoni jekk il-fond jisgravi għall-kondividenti, ma jidherx li fuq hekk l-appellant għandu raġun jilmenta. Fl-eżami ta' din il-kwistjoni, kif irrilevat din il-Qorti fis-sentenza tat-28 ta' Ġunju 1948 in re "Giuseppa Meilak et. vs. Cecilia Zahra Scicluna" (Kollezzjoni, Vol. XXXIII, parte I, pag. 329), irid jittieħed in konsiderazzjoni l-istat attwali tal-pajjiż, għaliex id-dispożizzjonijiet tal-liġi mhumiex statiċi, u għandhom jiġu interpretati skond il-progress, il-bżonnijiet u l-emerġenza li fiha l-komunità tkun qiegħda ssib ruħha. Fil-preżent, hija ħaġa notorja li l-iskarsezza tad-djar hija emerġenza nazzjonali, u għalhekk min għandu kwota indiviża ta' fond urban huwa ġustifikat li jirreklama li ssir id-diviżjoni materjali. Fil-valutazzjoni ta' l-inkonvenjenti li wieħed jista' jinkontra biex issir diviżjoni simili, għandha tiġi meħuda in serja konsiderazzjoni ċ-ċirkustanza illi fl-istat ta' l-emerġenza attwali fuq aċċennata, il-kondividenti għandhom raġun jinsistu għad-diviżjoni tal-fond, jekk dan hu materjalment u ġuridikament possibili, u jopponu ruħhom għar-rimedju tal-liċitazzjoni;

Għar-raġunijiet fuq miġjuba ma jidherx li l-ewwel aggravju ta' l-appellant huwa ammissibili, u konsegwentement il-qasma tal-fond nru. 10 u 11 Sacred Heart Street, Qormi, kif suġġerita mill-perit tekniku u ordnata mill-Ewwel Qorti, għandha tiġi adottata;

Ikkunsidrat;

Illi, kwantu għat-tieni aggravju, l-atturi bis-sitta domanda miġjuba fl-att taċ-ċitazzjoni talbu li "il-konvenut jiġi kundannat jirrendilhom kont tal-ġestjoni minnu miżmuma

ta' l-azjenda tal-forn nru. 10 Sacred Heart Street, Qormi, mill-ġurnata tal-mewt ta' ommhom Angiolina Baldacchino". Din it-talba l-Ewwel Qorti dehrilha li kellha tifforma oġġett ta' ġudizzju separat, mingħajr ma tat ebda raġuni għaliex; u fl-aħħar tas-sentenza appellata ordnat li t-talba fuq imsemmija tinġieb 'il quddiem m'ż-żewġ attriċi, jekk jidhrilhom, b'ġudizzju separat". In vista tat-talba speċifika kontenuta fl-att taċ-ċitazzjoni, mingħajr ebda riżerva jew ozzjoni għal ġudizzju separat, l-Ewwel Qorti ma setgħetx tinjoraha, billi kienet tinsab regolarment investita biex tieħu konjizzjoni tagħha u tipprovvedi dwarha. Xejn ma jiswa li l-attturi appellati fir-risposta tagħhom għall-petizzjoni ta' l-appell akkwetaw ruħhom u approvaw li l-imsemmija talba tiġi mġjuba 'l quddiem b'ġudizzju ieħor kif ordnat bis-sentenza appellata. Dik it-talba ma ġietx rinunzjata, u għadha tissussisti, u l-konvenut għandu dritt jinsisti li tiġi provvduta f'din il-kawża, mingħajr ma jiġi kostrett għall-inkonvenjent u għal l-ispejjeż ta' kawża oħra fuq l-istess oġġett. Għalhekk l-appell tal-konvenut fuq dan il-pont għandu jiġi milqugħ;

Ikkunsidrat;

Illi, kwantu għat-tielet aggravju, jiġifieri li fil-passiv ta' l-assi soċjali u konjugali likwidat bis-sentenza appellata ma ġietx inkluża s-somma ta' £12 erogata mill-konvenut għall-ispejjeż ta' l-aħħar marda ta' Angiolina Baldacchino, ġa martu, fit-trattazzjoni orali quddiem din il-Qorti l-appellati, per mezz ta' l-avukat tagħhom, ammettew dik il-pretensjoni ta' l-appellant; u għalhekk l-appell anki fuq dan il-pont għandu jiġi milqugħ;

Ikkunsidrat;

Illi, kwantu għar-raba' u aħħar aggravju, jiġifieri dak relattiv għall-valur taż-żiemel formanti parti ta' l-attiv tal-komunjoni tal-akkwisti fuq imsemmija, jirriżulta mix-xhieda mogħtija mill-appellant quddiem din il-Qorti fis-seduta ta' l-14 ta' Frar 1954, li fiż-żmien li mietet martu dak iż-żiemel kien jiswa £70, u li huwa baqa' jaħdem bih xi erba' jew ħames snin, u mbgħad afratta u biegħu £7 lil Giuseppe Buhagiar.

Dik il-komunjoni ta' l-akkwisti spiċċat bil-mewt ta' mart il-konvenut, Angiolina Baldacchino (art. 1364 tal-Kodiċi Ċivili), u fil-likwidazzjoni tagħha l-oġġetti li jidħlu bħala akkwisti għandu jiġi lilhom attribwit il-valur li kellhom dak inhar; Għalhekk il-valur taż-żiemel fuq indikat ġie ndikat sewwa fis-somma ta' £70, salv id-dritt ta' l-appellant, fir-regolament tal-kontijiet dwar l-azjenda tal-forn ma' l-appellati, li jiġi rilevat għad-deprezzament ta' l-istess żiemel fil-każ li jirriżulta li dak id-deprezzament kien dovut għal kawżi konnessi ma' l-eżerċizzju ta' dik l-azjenda;

Għar-raġunijiet fuq miġjuba;

Tilqa' l-appell tal-konvenut, biss fis-sens infraskritt, jiġifieri:— (a) li fil-passiv tal-komunjoni ta' l-akkwisti għandha tiżdied is-somma ta' £12 spejjeż ta' l-aħħar marda ta' Angiolina Baldacchino, b'dan li t-total tal-passiv għandu jkun ta'..........; u (b) tordna li l-atti jiġu mibgħuta lill-Ewwel Qorti għat-trattazzjoni u definizzjoni tas-sitt domanda kontenuta fl-att taċ-ċitazzjoni, jiġifieri dik relattiva għar-rendiment tal-kont tal-ġestjoni ta' l-azjenda tal-forn nru. 10 Sacred Heart Street, Qormi, mill-ġurnata tal-mewt ta' l-imsemmija Angiolina Baldacchino;

U tirrespinġi l-appell għall-kumplament;

U biss fis-sens fuq imsemmi tirriforma s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina fit-12 ta' Ottubru 1953, u tordna li l-att tal-qasma b'dik is-sentenza ordnat jiġi publikat mill-istess nutar u bl-intervent ta' l-istess kuratur hemm nominati, nhar it-Tnejn, 29 ta' Marzu 1954, fit-3.30 p.m., f'waħda mill-awli tal-edifiċċju ta' dawn il-Qrati;

Tordna, fl-aħħarnett, illi l-ispejjeż ta' l-ewwel istanza jibqgħu kif provvduti bis-sentenza appellata, u dawk ta' dina l-istanza jitħallsu bin-nofs bejn il-kontendenti.